MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Numru. 448/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Sarah Zammit**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Sarah Zammit ta' 19-il sena, bint Anthony u Jacqueline nee` Grima, imwielda Pieta` fid-19 ta' Jannar 1991 u temporanjament toqghod fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin jew 19, Triq Sant' Antnin, Birkirkara, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 63891(M)

Akkuzata talli fis-26 ta' Awwissu 2010 u xhur qabel waqt li kienet fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-gzejjer:

a) Kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitix bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) U aktar talli b’hekk saret recidiva b’diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija, tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fis-seduta tal-5 ta' April 2013, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba u terga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputata hatja tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront taghha.

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda l-ammissjoni bikrija tal-imputata u l-fatt illi kif jirrizulta mix-xhieda ta' Jean Cali, rapprezentanta tal-Agenzija Caritas[1], li ilha taf lill-imputata ghal dawn l-ahhar erba' snin, l-istess imputata ghamlet kambjament u progress kbir u qed taghmel sforz genwin sabiex tirriabilita ruhha mill-vizzju tad-droga. L-istess xhud spjegat illi fl-1 ta' Marzu 2013, l-imputata dahlet fi programm residenzjali fi hdan l-Agenzija Caritas, u li l-*urine tests* li ttiehdulha rrizultaw kollha fin-negattiv. Spjegat ukoll illi precedentement, l-imputata kellha problema serja ta' abbuz tad-droga.

Min-naha l-ohra, il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputata, li minkejja l-eta` tenera taghha, tikkonsisti fi hdax-il faccata. Mill-istess fedina penali, jirrizulta wkoll illi l-imputata inghatat diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati, tant illi giet imqieghda taht Ordni ta' *Probation* f'okkazzjoni wahda u nghatat liberazzjoni kundizzjonata jew assoluta f'seba' okkazzjonijiet ohra. Dan apparti illi inghatat sentenza ta' prigunerija effettiva

[1] Seduta tal-5 ta' April 2013, a fol. 45 sa 48 tal-process.

f’zewg okkazzjonijiet u sentenza ta’ prigunerija sospiza f’okkazzjoni ohra.

Il-Qorti qed taghmilha cara li minkejja dan kollu, u fid-dawl tax-xhieda tar-rapprezentanta tal-Agenzija Caritas, hija disposta illi taghti opportunita` ohra lill-imputata sabiex tirriabilita ruhha minn dan il-vizzju li qed jeqred tant nies, kemm kbar u zghar fl-eta`, izda dan fil-limiti imposti mil-ligi kif ser jigi spjegat izjed l’isfel. Il-Qorti fliet ukoll is-sentenza citata mid-difiza fil-kors tat-trattazzjoni taghha u cioe` dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rittmar Hatherley et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fid-9 ta’ Ottubru 2008, fejn il-Qorti gharfet illi “*tista’ titfacca fil-hajja ta’ … persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista’ jinkiser ic-ciklu ta’ kundanni u ta’ prigunerija*” u ghalhekk in vista tal-fatt illi kien hemm *feedback* pozittiv hafna dwar l-imputat li kien qieghed isegwi programm ta’ riabilitazzjoni, l-istess Qorti ghaddiet biex tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, li permezz taghha l-appellat kien tqieghed taht Ordni ta’ *Probation*.

F’dan il-kaz madankollu il-Qorti giet mitluba mill-prosekuzzjoni sabiex tapplika wkoll l-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi r-reat in kwistjoni sehh meta l-imputata kienet residenti fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin.

L-Artikolu 33A(1) jghid hekk:-

“Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun prigunier il-piena ghal dak ir-reat fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija ghandha tizdied bi grad jew tnejn u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-*Probation* ma ghandhomx japplikaw” [sottolinear mizjud].

Fir-rigward tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, iz-zieda fil-piena bi grad hija diskrezzjonali tant illi fl-istess artikolu nsibu l-kliem “*Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor … tista’ tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor*” [sottolinear mizjud]. Min-naha l-ohra l-Artikolu 33A fuq citat, jimponi z-zieda fil-piena bi grad jew tnejn b’mod

tassattiv u dan apparti illi jeskludi l-possibilita` illi jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 21, 28A u l-Att dwar il-*Probation*.

Il-piena applikabbli ghar-reat in kwistjoni, ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tliet xhur izda mhux izjed minn tnax il-xahar jew multa ta' mhux inqas minn €465.87, izda mhux izjed minn €2,329.37, jew dik il-prigunerija u multa flimkien.

Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula u tal-progress notevoli li qeghda taghmel l-imputata, il-Qorti sejra zzid il-piena bi grad wiehed biss ai termini tal-Artikolu 33A(1), u dan billi titla' mill-piena tal-multa bi grad ai termini tal-Artikolu 31(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt illi mhijiex ser izzid il-piena fir-rigward tal-imputazzjoni konnessa mar-recidiva tal-imputata, minkejja li l-imputata ammettiet ukoll din l-imputazzjoni u dan stante li, kif inghad, l-Artikolu 50 tal-Kap. 9 jirrendi din iz-zieda diskrezzjonali u mhux tassattiva.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 31(1)(f), 33A(1), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal piena ta' **hamsa u erbghin jum prigunerija effettiva**.

Il-Qorti tordna lill-hatja thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda dan limitatament ghall-ispejjez konnessi mar-relazzjoni esebita minn PC122 Arthur Borg, *Scene of the Crime Officer*, ammontanti ghas-somma ta' tletin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€30.84), stante li r-relazzjoni tal-espert Mario Mifsud baqghet ma gietx esebita. Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien

xahar mil-lum, b'dan li jekk il-hatja tonqos li thallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilha preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tirrileva u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-imputata tinghata l-opportunita` li tkompli ssegwi l-programm li diga` qeghda ssegwi fil-prezent fi hdan l-Agenzija Caritas, sabiex tkompli miexja fit-triq it-tajba u tirriabilita ruhha mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti qed tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti konnessi mad-droga esebiti bhala Dokument JF2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------